l-ilsien

# Malti

għal qalbi

# Merħba!

Ġieli kellek bżonn xi kanzunetta bil-Malti biex issemmagħha lit-tfal jew tkantaha magħhom? Ilek tfittex kif tista' tikteb bl-ittri tal-Malti mil-laptop jew mit-tablet? Taf xi ħbieb tiegħek barranin li jixtiequ jitgħallmu l-Malti? Tixtieq tgħin lin-neputijiet iż-żgħar jitgħallmu l-Malti jew f'xi proġett tal-iskola? Għandek għal qalbek il-letteratura Maltija u tixtieq issib minn fejn tissellef ktieb tajjeb jew tisma' aktar dwar l-awturi favoriti tiegħek?

Dan il-ktejjeb hu maħsub propju għalhekk għax jiġborlok kollox f'post wieħed u jservik bħala punt ta' referenza għall-kuntatti mal-għaqdiet tal-Malti differenti, u s-siti elettroniċi bir-riżorsi u l-korsijiet tal-Malti li ilek tfittex. Fih issib ukoll tagħrifiet kurjużi fuq ilsienna u xi logħob relatat. Hawn anke lista tar-rivisti ewlenin li joħorġu u li tista' taqrahom mill-kumditā ta' darek.

Dan il-ktejjeb hu parti mill-kampanja **l-ilsien Malti għal qalbi** mtellgħa mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta u l-għaqdiet tal-Malti.

Nittamaw li ssibuh utli!

Kit Azzopardi, Joseph P. Borg, Justine Somerville, Thomas Pace
*f'isem l-entitajiet u l-għaqdiet tal-Malti*

# Ħajr

L-Uffiċċju tal-President ta' Malta
2023

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti | L-Università ta' Malta, Il-Fakultà tal-Arti | Id-Dipartiment tal-Malti | għaqda tal-malti università • 1931 | l-għaqda tal-għalliema tal-malti | INIZJAMED | GHQPM Għaqda Qarrejja tal-Provi tal-Malti

Tista' ssegwi l-kampanja minn hawnhekk.



Għeżież,

Dan pajjiż ċkejken b'xorti kbira li għandu lsien uniku – ilsien li jixhed id-diversità fl-istorja tiegħu. Il-Malti jiddistingwina bħala Maltin. Inħaddmuh bil-kitba u l-qari, fil-kant u r-reċtar, u nużawh meta nitkellmu ma' xulxin. Illum il-Malti għandu preżenza ferm akbar: minbarra fuq it-televiżjoni, ir-radju u fil-kotba, insibuh fuq l-internet, fit-tabelli ta' madwarna, fil-kanzunetti, fir-rivisti, fil-cartoons u f'tant affarijiet oħra.

Inħeġġiġkom tqallbu l-paġni ta' dan il-ktejjeb u tagħmlu użu tajjeb minnu. Ċert li fih se ssibu materjal li jgħinkom kemm fl-istudju tagħkom imma wkoll fil-ħajja ta' kuljum. Minn qalbi nħeġġiġkom titkellmu bejnietkom bil-Malti. Dan il-ktejjeb jista' jkun l-ewwel pass għal għarfien akbar ta' lsienna.

**L-E.T. George Vella**
Il-President ta' Malta

# Xogħli xogħol

X'se ssir la tikber? Il-Malti jista' jkun ta' għajnuna f'ħafna xogħlijiet, minn dak ta' għalliema u ġurnalisti sa dak ta' kittieba u riċerkaturi! Dawn huma xi xogħlijiet li għalihom għandek bżonn il-Malti. Tista' taħseb f'xogħlijiet oħra marbuta mal-lingwi?



**Edukatur, edukatriċi**
Bil-Malti nista' ngħallem lil tfal oħra ħafna affarijiet sbieħ.



**Avukat, avukata**
Nista' naqbeż għall-batut fil-Qrati l-Belt Valletta.



**Traduttur, traduttriċi**
Bil-Malti nista' naqleb kitbiet differenti minn lingwa għal oħra.



**Interpretu, interpreta**
Nista' naqleb id-diskorsi ta' nies importanti minn lingwa għal oħra jew ngħin lil min hu nieqes mis-smigħ.



**Ġurnalist, ġurnalista**
Bil-Malti nista' nikteb l-artikli fil-gazzetti dwar aħbarijiet friski friski jew dwar l-isports.



**Awtur, awtriċi**
Nista' nikteb l-istejjer u l-poeżiji u noħroġhom fi ktieb; inkella nista' nikteb ir-reċti għal fuq il-palk.




**Preżentatur, preżentatriċi**
Bil-Malti nista' nsemma' leħni fuq it-TV jew fuq ir-radju.



**Riċerkatur, riċerkatriċi**
Nista' naħdem fuq apps u programmi tal-lingwa, bħal logħob u ċekkjaturi (spell-checkers).



**Librar, librara**
F'xogħli ngħin lin-nies jagħżlu l-isbaħ kotba x'jaqraw u nkun minn tal-ewwel li nsir naf b'kotba ġodda biex nixtrihom għal-librerija!

## Il-mixja tal-ilsien Malti

**831**
Jaslu l-Għarab f'Malta u tibda l-mixja lejn il-Malti

**1436**
Il-lingwa Maltija tissemma b'isimha għall-ewwel darba f'dokument medjevali

# Il-librerjiji




F'Malta hawn ħafna librerji; hemm il-librerji tal-iskola u l-librerji tal-bliet u tal-irħula. Hemm librerji privati fid-djar tan-nies, imbagħad hemm il-Biblijoteka – librerija kbira kbira b'kotba antiki minn żmien il-Kavallieri!

Trid titgħallem aktar dwar il-librerji ta' Malta?

1. Idħol fil-Google Maps
2. Ikteb "library"
3. Liema hija l-eqreb librerija?

Qatt dħalt fiha? Jekk iva, xi ssellift l-aħħar? Jekk le, qis li żżurha ma' xi ħadd mill-ġenituri jew mill-kustodji. Il-librara jieħdu gost jgħinuk issib il-kotba tal-kittieba favoriti. Min huma l-kittieba favoriti tiegħek?

Jekk tixtieq issir taf aktar dwar il-librerji Maltin, idħol fis-sit tagħhom billi tagħfas hawn. Mis-sit ta' Malta Libraries tista' tirreġistra, tniżżel apps tal-qari, u tiskopri ħafna aktar affarijiet sbieħ!

MALTA LIBRARIES

### Kont taf... ?

Il-kelma 'tisliba' ħareġ biha l-Prof. Ġużè Aquilina, studjuż tal-Malti, għall-gazzetta *Il-Ħajja* minflok 'crossword puzzle'.

### Kont taf... ?

F'Malta għandna tliet lingwi uffiċjali: il-Malti, l-Ingliż, u l-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM). Il-Malti hu l-ewwel lingwa ta' madwar 95% tal-Maltin u huwa wkoll il-lingwa nazzjonali. Dan ifisser li lsienna jixraqlu jintuża fil-pubbliku. L-Ingliż hu lingwa uffiċjali li tgħaqqadna mal-bqija tad-dinja. Il-LSM jikkomunikaw biha l-persuni neqsin mis-smigħ u oħrajn.

**Madwar l-1450**

Il-*Kantilena* ta' Pietru Caxaro: l-ewwel kitba bil-Malti f'għamla ta' poeżija

**1750**

Ġan Franġisk Agius de Soldanis joħroġ il-ktieb *Grammatica Punico-Maltese*

**1760**

Dun Feliċ Demarco jikteb l-ewwel qarċilla għal żmien il-Karnival

# Learn Maltese? Mela, please!




Have you met Carla and Ema? Carla was born in Italy and Ema is from Bulgaria. Both fourteen-year-old friends have been living in Malta for a while and use Maltese on a daily basis even though it is not their mother tongue. Listen to what they have to say.

Carla and Ema are convinced that learning Maltese is a great way to make friends and get to know Malta better. They are not the only non-native speakers who believe so. Why not meet a few others?

These people have completely different jobs and very different stories, yet they all learnt Maltese by practising and listening, reading, and writing.

You can find online resources to help you do this in your free time on the YouTube channels of the National Council for the Maltese Language and the National Literacy Agency. Other useful language tools may be found here.

Do you know anyone who would like to learn Maltese? If so, the following are a few initiatives that you may introduce them to:

- The Department of Maltese at the University of Malta offers four online courses in Maltese as a Foreign Language. All courses are offered twice a year.
- MCAST offers two part-time courses (Award in Maltese for Foreigners). And so does Jobsplus.

**1796**

Mikiel Anton Vassalli jippubblika *Ktieb il-Kliem Malti (Lexicon)*: l-ewwel dizzjunarju stampat bil-Malti

**1817**

Jitwieled Ġan Anton Vassallo, li fost l-oħrajn kiteb l-epika *Il-Ġifen Tork*

# Nara u nisma' biex nitgħallem

It-tagħlim mhux mill-iskola biss; nitgħallmu mir-radju u t-televixin, mill-filmati u l-poddati. Nitgħallmu wkoll bit-tablets u bl-earpods! Ġieli ppruvajt titgħallem il-Malti minn dawn is-siti?

## Cartoons



**Emme (għaż-żgħar żgħar)**

Sensiela animata dwar merill ċkejken jismu Emme. Tista' tara mill-ewwel episodju sad-disa' wieħed.

## Dokumentarji




**Jien min jien? Il-lingwistika (għall-kbar)**

Jekk tħobb id-dokumentarji, mela dan ma tistax ma tarahx! Dan dokumentarju dwar il-lingwa, mill-istorja sat-teknoloġija u r-riċerka marbuta magħha.




**Il-Malti: Ilbieraħ, illum, għada (għall-kbar)**

Dan dokumentarju ieħor dwar il-Malti, din id-darba b'enfasi fuq l-istorja tal-Akkademja tal-Malti. Fil-100 sena tal-Akkademja, il-Malti għadda minn bidliet kbar, ħafna minnhom sbieħ.

**Kont taf... ?**
Il-Malti hu l-uniku lsien li ġej mill-Għarbi (Semitiku) li jinkiteb b'alfabett Latin, jiġifieri b'ittri li mhumiex tal-Għarbi. Din il-ħaġa tagħmlu aktar interessanti u tqanqal il-kurżità ta' ħafna barranin.

**1871**
Jitwieled Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali u l-kittieb ta' ħafna xogħlijiet letterarji, fosthom l-Innu Malti

**1945**
Mary Meylak tippubblika *Pleġġ il-Hena*: l-ewwel ktieb tal-poeżija maħruġ minn poetessa

# Filmati qosra

**Ilsienna (għaż-żgħar u għall-kbar)**

Hawn issib mijiet ta' filmati b'intervisti u bi spjegi; tista' tqatta' sigħat sħaħ tesplora u tirrevedi fuq dan is-sit. Tista' tisma' lill-kittieba favoriti, bħal Rita Saliba u Leanne Ellul, u tista' titgħallem tikteb aħjar!



**Kelma Kuljum (tikka kbar)**

X'jiġifieri meta ngħidu li x-xita nieżla rxiex? Ġieli beżżgħuk bil-belliegħa tal-bir mingħajr ma taf xi tfisser? B'dawn il-filmati tista' tiskopri xi jfissru dawn il-kelmtejn u ħafna kliem ieħor.




**Minuta Malti (għal kulħadd)**

Ġieli tiġi fid-dubju għandekx tikteb erba' jew erbgħa, jew dar jew dahar? *Minuta Malti* hija sensiela ta' filmati li tispjegalek xi regoli tal-kitba.

**Mitkellma (għal kulħadd)**

Tafhom l-ismijiet tal-frott bil-Malti u taf minn fejn ġej kunjomok? *Mitkellma* tiġbor għadd ta' filmati kkuluriti dwar xi aspetti interessanti marbutin ma' lsienna.




**Etimoloġija (għall-kbar u kurżitajri oħra)**

Jekk għandek kurżità dwar minn fejn ġejja kelma u kif inbidlet maż-żminijiet, *Etimoloġija* joffrilek xalata ta' filmati u spjegazzjonijiet!

Minn żmien għal żmien jiżdiedu aktar filmati bħal dawn fl-istazzjonijiet tal-YouTube tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

**1920**

Titwaqqaf l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li aktar tard tibdel isimha għall-Akkademja tal-Malti, u tibda tippubblika *Il-Malti* mill-1925

**1921**

Il-Malti jintuża għall-ewwel darba fil-Parlament

# Kanzunetti



**Għanjiet Maltin (għaż-żgħar)**

Ġieli smajthom il-kanzunetti Aħħ kemm hu bard! u Banda Ġewwa d-Dar? Mhux talli tista' tisma' lilhom u kanzunetti oħra imma tista' tgawdi wkoll l-animazzjonijiet ikkuluriti ta' magħhom.




**Kanzunetti tal-okkażjoni (għaż-żgħar u l-kbar)**

U la qed insemmu l-kanzunetti, taf x'tista' tkantalha lil oħtok minflok Happy Birthday meta tagħlaq sninha? Jew x'għandek iddoqq waqt ċelebrazzjoni kbira mal-ħbieb? Segwi dawn il-filmati u ħu gost kanta magħhom.

Mill-istess stazzjon tal-YouTube tista' tara wkoll dawn il-kanzunetti tat-tfal.

# Radju u poddati




**Lelà (għall-kbar)**

Programm li jlaqqa' lill-udjenzi tiegħu ma' aspetti differenti tal-letteratura, b'ħarsa ewlenija lejn dik Maltija. F'*Lelà*, il-letteratura tiġi diskussa fil-kuntest ta' temi differenti, bħall-kuluri, l-ispazju, l-intelliġenza artifiċjali, u l-memorja.




**Markapaġna (għall-kbar)**

F'din is-sensiela għandek iċ-ċans tiltaqa' ma' kittieba bħal Clare Azzopardi u Audrey Friggieri u ssir taf dwar il-kotba li jħobbu jaqraw u l-proġetti ta' kitba li ħadmu fuqhom jew li għaddejjin bihom.

**1922**
Jindaqq l-Innu Malti għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel

**1924**
L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti toħroġ l-ewwel regoli uffiċjali tal-Malti

**1927**
Jidhru l-ewwel avviżi bil-Malti fil-*Gazzetta tal-Gvern*

**Seħer il-Malti** (għal kulħadd)

Jekk tippreferi r-radju, tista' tisma' *Seħer il-Malti*, b'intervisti u tagħrif dwar qwiel u idjomi Maltin, djaletti, snajja', kittieba magħrufin u tant suġġetti oħra ta' interess għal min hu kurjuż ikompli jiskopri l-ġmiel ta' lsienna!

# Siti fuq l-internet

**Kelma Kelma** (għat-tikka kbar, l-imfarfrin u l-kbar)

Inizjattiva popolari fuq Facebook b'tagħrif li jixħet dawl fuq il-ġmiel tal-ilsien Malti. Tista' ssegwiha wkoll mis-sit uffiċjali u mill-YouTube.




**malti.skola** u **maltikurja** (għall-għalliema u l-istudenti)

Żewġ siti bir-riżorsi għat-tagħlim tal-Malti maħsubin għall-għalliema u l-istudenti. Il-materjal jinkludi noti, preżentazzjonijiet, filmati, karti tat-taħriġ, logħob u tagħrif awdjoviżiv ieħor li jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-ġenituri wkoll. Is-siti jinkludu riżorsi għal-livell primarju u sekondarju.

**malti.mt** (għall-imfarfrin u l-kbar)

Dan huwa l-portal tar-riċerka tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta. Fih ġabra ta' riżorsi marbutin ma' oqsma bħad-djaletti, it-terminoloġija, il-grammatika, l-istorja tal-lingwa, u r-riċerka li ssir mill-istudenti u mil-letturi.

**Kont taf... ?**

Fl-Għarbi nsibu żewġ tipi ta' għajn, li għandhom ħoss kull waħda, u akka, li tinstema' bħal ħ ħafifa. Sa ftit taż-żmien ilu dawn iż-żewġ ittri kienu għadhom ippronunzjati u jinstemgħu fi lsienna. U huwa għalhekk li niktbuhom. Illum għadek tismagħhom f'xi djaletti mbiegħda miċ-ċentri urbani, ngħidu aħna fl-Għarb, Għawdex.

**1934**

Il-Malti jsir lingwa uffiċjali ta' Malta

**1959**

Pietru Pawl Saydon joħroġ it-traduzzjoni tal-Bibbja mil-Lhudi u l-Grieg

**1964**

Il-Malti jsir lingwa nazzjonali mal-kisba tal-Indipendenza

**[Għidha bil-Malti](#) (għal kulħadd)**

Sit li tista' ssegwih ukoll mill-Facebook. U taf xiex? Dan is-sit tant għamel suċċess li wassal għal proġetti oħra bħal verb.mt u qawl.mt!

**L-Akkademja tal-Malti (għal kulħadd)**

Hawnhekk tista' ssib riżorsi utli marbuta mal-Malti bħall-bijografiji ta' kittieba Maltin u taħditiet interessanti.

**HELA (għall-imfarfrin u l-kbar)**

Hawn issib direttorju alfabetiku tal-kittieba Maltin. Tista' taqra dwarhom u ssir taf ix-xogħlijiet li ppubblikaw.

## Oħrajn



**Teleskola (għall-istudenti)**

Hawn issib għadd ta' lezzjonijiet li jgħinuk tirrevedi xi qasam jew ieħor tal-Malti. Is-sit maħsub għal studenti ta' etajiet differenti u jinkludi taqsimiet oħra għall-ġenituri u l-edukaturi.

**Kont taf... ?**

Fil-Malti għandna 30 ittra tal-alfabett u sitta minnhom huma vokali. Xi ittri bħall-għ u ċ-ċ insibuhom fil-lingwa tagħna biss, u oħrajn bħaż-ż u l-ġ jiktbuhom f'lingwi oħra wkoll, imma mhux bilfors ikollhom l-istess ħoss tal-ġ u ż-ż tagħna.

**1987**

Ġużè Aquilina jippubblika l-ewwel volum tal-*Maltese-English Dictionary*

**2004**

Il-Malti jsir wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

**Kont taf... ?**

Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali, minbarra li ħallielna għadd ġmielu ta' poeżiji ħadem ukoll fuq *Dizzjunarju Ingliż-Malti.*



**Intervisti mal-awturi (għall-kbar)**

Min qatt ma sema' bil-karattri ta' Fra Mudest u s-Sur Spir Spiteri? Dawn żewġ karattri ta' Charles Casha u Trevor Żahra, awturi li żgur smajt bihom! Imma ġieli smajthom jitkellmu fuq kif u għaliex bdew jiktbu?




**Taħditiet dwar it-tradizzjoni orali (għall-kbar)**

Sensiela ta' taħditiet dwar suġġetti tat-tradizzjoni orali bħall-ħrejjef, il-leġġendi, l-għana, il-qwiel, it-taqbil tat-tfal, iċ-ċajt u l-logħob bil-kliem.



**Mistoqsija u Tweġiba (għall-imfarfrin u l-kbar)**

Taqsima b'għadd ta' mistoqsijiet u tweġibiet għal diffikultajiet komuni fil-kitba tal-Malti.




**Ir-regoli uffiċjali tal-kitba tal-Malti (għal kulħadd)**

Hawn issib il-pubblikazzjonijiet bir-regoli tal-ortografija Maltija bħad-*Deċiżjonijiet 1* u d-*Deċiżjonijiet 2*.

**Kont taf... ?**

Fost il-kelliema tal-Malti kien hemm ukoll il-Gran Mastru Ramon Despuig. L-aħħar kelmiet tiegħu kienu "Hekk u hekk", bi tweġiba għal kif qed iħossu.

**2005**

Jitwaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

**2016**

Il-Lingwa tas-Sinjali Maltija ssir it-tielet lingwa uffiċjali ta' Malta

# Il-Malti u t-teknoloġija

Ġieli kellek bżonn tikteb xi ħaġa bil-Malti mit-tablet jew mill-mobile? Bix-xieraq li meta niktbu bil-Malti nużaw l-ittri t-tajbin, bħall-ġ bit-tikka, il-ħ b'rasha maqtugħa, u l-bqija.

Dan faċli nagħmluh; kulma rridu nagħmlu hu li nfittxu l-app **GBoard** jew **SwiftKey** mill-Play Store jew mill-App Store u nniżżluha b'xejn.




Anke biex tuża l-Malti fil-kompjuter jew il-laptop tiegħek, faċli ħafna! Kemm iżżid il-Malti fil-language bar ta' maġenb l-arloġġ, fir-rokna tal-lemin. Jekk għandek bżonn ftit għajnuna, tista' timxi ma' dan il-manwal.




**Ċċ Ġġ Ħħ Żż**

# Korsijiet universitarji fil-Malti

Minbarra l-korsijiet ta' filgħodu li jwasslu għall-ewwel grad (BA) jew għall-gradi postgradwatorji (MA u PhD), fl-Università ssib korsijiet oħra tal-Malti li huma aktar flessibbli:

**Il-Kors fil-Qari tal-Provi bil-Malti**
Kors universitarju ta' sena part-time (MQF 5) li jagħtik l-opportunità tiddiskuti u tifhem aħjar ir-regoli tal-kitba tal-Malti. Matulu tipprattika ħafna u tneħħi d-dubji li dejjem kellek dwar ilsienna! Tagħrif ieħor issibu minn hawn.

**Id-Diploma fil-Letteratura Maltija**
Dan il-kors part-time ta' sentejn huwa ideali għal kull min iħobb il-letteratura Maltija u jixtieq jitgħallem iżjed dwarha. Huwa versatili biżżejjed biex jinteressa nies li jaħdmu fis-setturi kulturali, artistiċi u kreattivi. Aqra aktar dwaru hawnhekk.

**Korsijiet tal-Malti għall-Barranin**
Dawk il-barranin li jixtiequ jitgħallmu l-Malti biex iħossuhom aktar ta' ġewwa f'pajjiżna u jikkomunikaw aħjar mal-Maltin jistgħu jagħżlu wieħed minn dawn il-korsijiet tad-Dipartiment tal-Malti f'erba' livelli differenti.

Hemm ukoll korsijiet qosra fuq il-kitba kreattiva u l-ortografija. Tista' ssir taf iżjed dwarhom minn hawn.

**Kont taf... ?**
L-ewwel volum tad-dizzjunarju li Agius de Soldanis lesta fl-1753 ġie stampat fl-2016, 263 sena wara!

**Kont taf... ?**
Concetta Brincat kitbet żewġ rumanzi, bejn l-1916-1922, li baqgħu mhux ippubblikati. Dan għamlitu qabel Mary Meylak li hi l-ewwel kittieba mara li għandna x-xogħlijiet tagħha ppubblikati.

**Kont taf... ?**
Fl-Unjoni Ewropea (UE) hemm 24 lingwa uffiċjali u waħda minnhom hi l-Malti. Dan ifisser li l-liġijiet, il-pubblikazzjonijiet u s-siti elettroniċi ta' ħafna dipartimenti tal-UE jinkitbu bil-Malti wkoll u li l-Maltin jistgħu jiktbu u jitkellmu man-nies tal-UE bil-Malti.



# Direttorju tal-entitajiet u l-għaqdiet tal-Malti

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti:** L-entità governattiva responsabbli mill-Malti fuq livell nazzjonali, fosthom mid-deċiżjonijiet uffiċjali tal-ortografija u mill-iżvilupp tal-Malti fis-soċjetà tagħna.

- kunsilltalmalti@gov.mt
- Sit
- Facebook
- YouTube

**Id-Dipartiment tal-Malti:** Jagħmel parti mill-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta. Joffri korsijiet differenti fl-istudju tal-lingwa u l-letteratura Maltija, u oħrajn li jispeċjalizzaw f'oqsma partikolari bħall-mediċina u l-komunikazzjoni.

- malti.arts@um.edu.mt
- Sit
- Facebook
- YouTube
- Instagram

**L-Akkademja tal-Malti:** Imwaqqfa fl-1920 bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Ħadmet biex ikollna alfabett uffiċjali wieħed. Torganizza kommemorazzjonijiet u taħditiet u tippubblika *Il-Malti* b'riċerka akkademika u b'kitbiet letterarji.

- info@akkademjatalmalti.org
- Sit
- Facebook
- YouTube

**L-Għaqda tal-Malti – Università:** Għaqda studenteska mwaqqfa minn Rużar Briffa u Ġużè Bonnici fl-1931 biex tippromwovi l-Malti fl-Università u lil hinn. Torganizza attivitajiet letterarji u lingwistiċi u tippubblika *Leħen il-Malti* b'kitbiet letterarji u akkademiċi.

- info@ghaqdatalmalti.org
- Facebook
- YouTube
- Instagram

**L-Għaqda tal-Għalliema tal-Malti:** Imwaqqfa fl-1999 biex tgħaqqad lill-għalliema tal-Malti f'kull livell edukattiv; tispeċjalizza fil-qasam pedagoġiku tal-Malti u toffri l-għajnuna fir-riżorsi għall-għalliema.

- ghaqdaghalliemamalti@gmail.com
- Facebook

**L-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti:** Imwaqqfa fl-2010 u tħaddan fiha l-qarrejja tal-provi kkwalifikati mill-Kors fil-Qari tal-Provi. Torganizza seminars u taħditiet fuq l-ortografija tal-Malti.

- Facebook

**Inizjamed:** Organizzazzjoni kulturali Mediterranja mwaqqfa fl-1998 biex tmexxi proġetti kulturali u artistiċi fuq livell lokali u internazzjonali. Tfittex li ġġedded l-espressjoni artistika f'Malta, fir-reġjun tal-Mediterran u lil hinn, u ttella' attivitajiet bħall-Palk Ħieles u l-Festival tal-Letteratura.

- info@inizjamed.org
- Sit
- Facebook
- YouTube
- Instagram

# Pubblikazzjonijiet b'rabta mal-Malti u l-letteratura Maltija

**Il-Malti**
Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti li bdiet toħroġ fl-1925. L-ewwel editur tagħha kien Ġużè Muscat Azzopardi. Toħroġ darba fis-sena u tinkludi studji akkademiċi u xogħlijiet letterarji oriġinali. Mill-2005, *Il-Malti* beda jalterna b'edizzjonijiet akkademiċi u letterarji kif ukoll edizzjonijiet speċjali. L-edizzjoni letterarja tinkludi poeżiji, novelli u traduzzjonijiet.

**Leħen il-Malti**
Pubblikazzjoni tal-Għaqda tal-Malti – Università. Bdiet toħroġ fl-1931 minn Rużar Briffa u Ġużè Bonnici. Jidhru fiha studji kritiċi letterarji u lingwistiċi kif ukoll xogħlijiet oriġinali letterarji, l-aktar poeżiji u novelli. L-edizzjonijiet riċenti jinkludu tliet taqsimiet: kitbiet letterarji; kitbiet akkademiċi; u taqsima speċjali.

**Riċerkaturi**
Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università li sservi ta' vetrina ta' wħud mill-aqwa teżijiet tal-istudenti tal-Malti. Din il-pubblikazzjoni tippreżenta prattiċi tajba fir-riċerka tal-Malti u tħeġġeġ riċerka oħra simili.

**Sagħtar**
Pubblikazzjoni tal-Malta Union of Teachers li bdiet mill-Moviment Qawmien Letterarju fl-1971 għall-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji. Tinkludi artikli b'suġġetti attwali, kemm lokali kif ukoll internazzjonali l-aktar fuq tagħrif edukattiv u letterarju. Minn Ottubru 2020 din il-pubblikazzjoni bdiet toħroġ online kull xahar matul is-sena skolastika.

**L-Aċċent**
Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Ilsien Malti tal-Kummissjoni Ewropea mibdija f'Diċembru 2009. Tispeċjalizza fl-oqsma tat-traduzzjoni u t-terminoloġija u aspetti oħra marbuta mal-użu professjonali tal-Malti.

**L-Imnara**
Ir-rivista tal-Għaqda Maltija tal-Folklor. Tinkludi artikli fuq aspetti folkloristiċi interessanti li ħafna minnhom jidhru wkoll fil-Miklem. Fil-Miklem tista' ssib ukoll it-tifsira ta' eluf ta' kliem miġbur taħt temi differenti.

**Il-Pont**
Beda joħroġ f'format diġitali f'Settembru 2012 u mmirat għal min iħobb il-letteratura Maltija u inġenerali. Jgħaqqad il-qarrejja mal-kittieba, il-Maltin f'Malta mal-Maltin li jgħixu barra, u jwassal il-letteratura u l-ilsien Malti lil hinn minn xtutna. Joħroġ kull tliet xhur.















# Iddurlek din?



Toni tagħna tani tina,
talli tajtu tuta tajba.
Talli tajtu tuta tajba,
Toni tagħna tani tina.



Il-pespus pespes tpespisa, u għat-tpespisa tal-pespus, il-pespusa pespset.

Qaħqaħt tqaħqiħa u t-tqaħqiħa li qaħqaħt kienet tqaħqiħa kbira!

# Ħaġa moħġaġa

Dejjem mimlija bl-ikel imma qatt ma tiekol.
Dejjem kiesħa imma qatt ma tħoss bard.

(Fridge)

Tiżbogħha kif tiżbogħha, bajda tibqa'.

(Bajda)

Tiġri warajh ma taqbdux, jiġri warajk ma jaqbdekx!

(Dell)

**Kont taf... ?**
Il-Malti mhuwiex studjat biss f'Malta imma mgħallem ukoll il-Ġermanja (Bremen), Franza (Pariġi), l-Awstralja, u l-Lussemburgu, fost l-oħrajn.

# X’inhu xogħolhom?

Dawn kollha jużaw il-Malti f’xogħolhom. Kapaċi taqta’ x’inhi l-professjoni tagħhom fit-tisliba t’hawn taħt?




**MIMDUDIN**

3. Bertu jgħallem lit-tfal jaqraw u jiktbu.
5. Nina taqleb kitbiet differenti minn lingwa għal oħra.
7. Lara tgħin lin-nies jagħżlu kotba sbieħ x’jaqraw.

**WEQFIN**

1. Ġanni jitkellem ma’ mistednin differenti fuq it-televixin.
2. Kris juża l-lingwa tas-sinjali biex jgħin lil min hu nieqes mis-smigħ.
4. Tamara tikteb l-artikli bl-aħbarijiet fil-gazzetti.
6. Mark jikteb il-poeżiji u joħroġhom fi ktieb.
8. Anita tiddefendi lin-nies fil-Qorti.

**Tweġibiet**
1. Preżentatur 2. Interpretu 3. Edukatur 4. Ġurnalista 5. Traduttriċi
6. Awtur 7. Librara 8. Avukata